TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 37/14 (JE).

Karen Farrugia

vs

Dorkins Ltd.

Illum, 16 ta' Ġunju 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Karen Farrugia tat-13 ta' Frar 2014 fejn talbet illi tingħata boots ġdid mis-soċjetà konvenuta jew tingħata l-flus lura peress li l-boots mixtrija minnha huma difettużi u qegħdin ikunu skomdi meta timxi bihom. Dana peress illi l-ġilda li qiegħda wara ż-żipp biex tipproteġi l-ilma tax-xita hija iebsa ħafna u żgur m'hux ser tirtab maż-żmien minħabba l-posizzjoni tagħha u peress illi ma ssirx pressa fuq dik il-parti. Minħabba f'hekk, kull darba li tilbes il-boots, l-attriċi qiegħda tweġġa.

Ra r-risposta tardiva tas-soċjetà konvenuta illi fiha sostniet illi l-ilment tal-attriċi m'huwiex ġustifikat u li ma kien hemm xejn ħażin fiż-żarbun in kwistjoni. Sostniet ukoll illi l-attriċi kellha kull opportunità illi tipprova ż-żarbun qabel ma xtratu u tinnota jekk kienx skomdu u jekk kienx iweġġagħha. Sostniet ukoll illi huwa fatt magħruf illi ġilda tajba tirtab bl-użu.

Sema' l-provi tal-attriċi peress illi s-soċjetà konvenuta naqset illi tidher fis-seduti.

Ikkunsidra.

Illi l-attriċi lmentat dwar il-boots illi xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta u anke rritornathom lura lis-soċjetà konvenuta imma is-soċjetà konvenuta naqset illi tindirizza l-ilmenti tal-attriċi. Illi jidher illi l-attriċi kienet ferm raġjonevoli fil-posizzjoni illi adottat u anke kienet kuntenta b'nota ta' kreditu tas-soċjetà konvenuta għall-boots in kwistjoni. Illi l-istess ma jistax jingħad dwar l-atteġjament tas-soċjetà konvenuta illi njora għal kollox l-lamenteli tal-attriċi.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attriċi u jordna illi s-soċjetà konvenuta tirrifondi s-somma ta' € 159.95 jiġifieri l-ammont kemm sewa l-istess par boots.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.